**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **ID-DIRETTIVA 2002/92/KE TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL EWROPEW**

**tad-9 ta' Diċembru 2002**

**dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni**

(ĠU L 9, 15.1.2003, p. 3)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 | L 173 | 349 | 12.6.2014 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2002/92/KE TAL-PARLAMENT U TAL-KUNSILL EWROPEW

## tad-9 ta' Diċembru 2002

## dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) u l-Artikolu 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kommissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom rwol ċentrali fid-distribuzzjoni ta' prodotti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni fil-Komunità.

(2) L-ewwel pass biex jiġi faċilitat l-eżerċizzju ta' libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu provduti servizzi għal aġenti ta' assigurazzjoni u sensara kien magħmul bid-Direttiva tal-Kunsill 77/92/KEE tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar miżuri biex jiġi faċilitat l-eżerċizzju effettiv ta' libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu provduti servizzi fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' aġenti ta' assigurazzjoni u sensara (ex ISIC Grupp 630) u, b'mod partikolari, miżuri transitorji fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet ([4]).

(3) Id-Direttiva 77/92/KEE kellha tibqa' applikabbli sad-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet li jikkordinaw regoli nazzjonali li jikkonċernaw il-bidu u l-insegwiment tal-attivitajiet ta' aġenti ta' assigurazzjoni u sensara.

([1]) ĠU C 29 E, tat-30.1.2001, p. 245.
([2]) ĠU C 221, tas-7.8.2001, p. 121.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2001 (Ġu C 140 E, tat-13.6.2002, p. 167), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 (ĠU C 145 E, tat-18.6.2002, p. 1) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2002 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2002.
([4]) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 14. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1984.

▼B

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kommissjoni 92/48/KEE tat-18 ta' Diċembru 1991 dwar intermedjarji ta' assigurazzjoni ([1]) kienet fil-parti 'l kbira tagħha segwita mill-Istati Membri u għenet sabiex id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ħtiġiet professjonali u r-reġistrazzjoni ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni jersqu aktar qrib lejn xulxin.

(5) Iżda, għad hemm differenzi sostanzjali bejn dispożizzjonijiet nazzjonali li joħolqu barrieri għall-bidu u l-insegwiment ta' l-attivitajiet ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni fis-suq intern. Huwa għalhekk xieraq li d-Direttiva 77/92/KEE tiġi sostitwita b'direttiva ġdida.

(6) Intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikunu jistgħu jipprofittaw irwieħhom mill-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jipprovdu servizzi li huma miġbura fit-Trattat.

(7) L-inabbiltà ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni li joperaw liberament fil-Komunità kollha tfixkel il-funzjonament xieraq tas-suq wieħed fl-assigurazzjoni.

(8) Il-kordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar ħtiġiet professjonali u r-reġistrazzjoni ta' persuni li jibdew u jsegwu l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni tista' għalhekk tikkontribwixxi kemm għal kompletezza tas-suq wieħed għas-servizzi finanzjarji u t-tkabbir fil-valur tal-protezzjoni tal-klijent f'dan il-qasam.

(9) Tipi differenti ta' persuni jew istituzzjonijiet, bħal aġenti, sensara u operaturi ta' "*bancassurance*", jistgħu jqassmu prodotti ta' assigurazzjoni. Ugwaljanza fit-trattament bejn operaturi u l-protezzjoni tal-klijent teħtieġ li dawn il-persuni kollha jew istituzzjonijiet ikunu koperti b'din id-Direttiva.

(10) Din id-Direttiva fiha definizzjoni ta' "intermedjarju marbut ta' assigurazzjoni" li tagħti kont tal-karatteristiċi tas-swieq ta' ċerti Stati Membri u li l-għan tgħha huwa li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni applikabbli għal dawk l-intermedjarji. Din id-definizzjoni mhix maħsuba li tipprekludi lill-Istati Membri milli jkollhom kunċetti simili fir-rigward ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni li, waqt li jaġixxu għal u għan-nom ta' impriża ta' assigurazzjoni u taħt ir-responsabbiltà sħiħa ta' dik l-impriża, huma intitolati li jiġbru *premiums* jew ammonti maħsuba għal-klijent skond il-garanziji finanzjarji preskritti b'din id-Direttiva.

(11) Din id-Direttiva għandha tapplika għal persuni li l-attività tagħhom tikkonsisti fil-provista ta' servizzi ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni lil partijiet terzi bi ħlas, li jista' jkun pekjunjarju jew jieħu forma oħra ta' benefiċċju ekonomiku miftiehem marbut mat-twettieq.

([1]) ĠU L 19, tat-28.1.1992, p. 32.

▼B

(12) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal persuni b'attività professjonali oħra, bħal esperti tat-taxxa jew *accountants*, li jipprovdu konsulenza dwar il-kopertura ta' asigurazzjoni fuq bażi inċidentali fl-avvanz ta' dik l-attività l-oħra professjonali, lanqas ma għandha tapplika sempliċement għall-provista ta' informazzjoni ta' natura ġenerali dwar prodotti ta' assigurazzjoni, sakemm l-għan ta' dik l-attività ma jkunx li jgħin lill-klijent jikkonkludi jew iwettaq kuntratt ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, lanqas l-immaniġġar professjonali ta' talbiet għal impriża ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni, lanqas aġġustament tat-telf u stima esperta ta' talbiet.

(13) Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal persuni li jipprattikaw medjazzjoni fl-assigurazzjoni bħala attività anċillari taħt ċertu kondizzjonijiet stretti.

(14) L-Intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikunu reġistrati ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fejn ikollhom ir-residenza tagħhom jew l-uffiċċju prinċipali tagħhom, sakemm jikkonforma ma' ħtiġiet stretti professjonali b'relazzjoni mal-kompetenza tagħhom, reputazzjoni tajba, kopertura ta' indemnità professjonali u kapaċità finanzjarja.

(15) Dik ir-reġistrazzjoni għandha tippermetti lill-intermedjarji ta' l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni li joperaw fi Stati Membri oħra skond il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment u libertà ta' provista ta' servizzi, sakemm proċedura addattata ta' notifikazzjoni tkun ġiet segwita bejn l-awtoritajiet kompetenti.

(16) Sanzjonijiet xierqa huma meħtieġa kontra persuni li jeżerċitaw l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni mingħajr ma jkunu reġistrati, kontra impriżi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jużaw is-servizzi ta' intermedjarji mhux reġistrati u kontra intermedjarji li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa ta' din id-Direttiva.

(17) Il-koperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti huma essenzjali biex jipproteġu lill-klijent u jassiguraw il-kondizzjoni soda tan-negozju ta' l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni fis-suq wieħed.

(18) Huwa essenzjali li l-klijent ikun jaf jekk hux qed jittratta ma' intermedjarju li qed jagħtih parir fuq prodotti minn firxa wiesgħa ta' impriżi ta' assigurazzjoni jew fuq prodotti provduti minn numru speċifiku ta' impriżi ta' assigurazzjoni.

▼B

(19) Din id-Direttiva għandha tispeċifika l-obbligazzjonijiet li l-intermedjarji ta' l-assigurazzjoni għandu jkollhom fil-provvista ta' informazzjoni lill-klijenti. Stat Membru jista' f'din iż-żona jżomm jew jadotta dispożizzjonijiet aktar stretti li jistgħu jiġu mposti fuq intermedjarji ta' assigurazzjoni indipendentement mil-post tagħhom ta' residenza fejn ikunu qed iwettqu l-attivitajiet ta' medjazzjoni fuq it-territorju tagħhom sakemm dispożizzjonijiet aktar stretti bħal dawk jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità, inkluża d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali ta' servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni, b'mod partikolari kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar kummerċ elettroniku) ([1]).

(20) Jekk l-intermedjarju jiddikjara li jkun qed jagħti parir fuq prodotti minn firxa wiesgħa ta' impriżi ta' assigurazzjoni, għandu jwettaq analiżi ġust u f'firxa suffiċjentement wiesgħa ta' prodotti disponibbli fis-suq. B'żieda, l-intermedjarji kollha għandhom jispjegaw ir-raġunijiet li jsostnu l-parir tagħhom.

(21) Hemm anqas ħtieġa li jkun meħtieġ li dik l-informazzjoni tingħata meta l-klijent ikun kumpanija li qiegħda tfittex kopertura ta' riassigurazzjoni jew assigurazzjoni għal riskji kummerċjali u industrijali.

(22) Hemm il-ħtieġa għal proċedura adattata u effettiva ta' ilment u rimedju fl-Istati Membri sabiex jiġu solvuti tilwim bejn intermedjarji ta' assigurazzjoni u klijenti, li jużaw, fejn xieraq, il-proċeduri eżistenti.

(23) Mingħajr preġudizzju tad-dritt tal-klijenti li jġibu l-azzjoni tagħhom quddiem il-qrati, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu korpi pubbliċi u privati stabbiliti bil-ħsieb li jsolvu tilwim amikevolment, biex jikkoperaw fis-soluzzjoni ta' disputi bejn il-fruntieri. Dik il-koperazzjoni tista' per eżempju tkun immirata lejn li tippermetti li l-klijenti jikkuntattjaw korpi *extra* — ġudizzjarji stabbiliti fl-Istat Membru tagħhom ta' residenza dwar ilmenti li jikkonċernaw intermedjarji ta' assigurazzjoni stabbiliti fi Stati Membri oħra. L-istabbiliment ta' *network* FIN-NET jipprovdi żieda fl-assistenza għall-konsumaturi meta jużaw servizzi bejn il-fruntieri. Id-dispożizzjonijiet dwar proċeduri għandhom jagħti kont tar-Rakkomandazzjoni tal-Kommissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-korpi responsabbli għas-soluzzjoni amikevoli ta' disputi tal-konsumaturi ([2]).

(24) Id-Direttiva 77/92/KEE għandha għalhekk tiġi revokata,

([1]) ĠU L 178, tas-17.7.2000, p. 1.
([2]) ĠU L 115, tas-17.4.1998, p. 31.

▼B

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

IL-KAPITOLU I

**KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tippreskrivi r-regoli għall-bidu u l-insegwiment ta' l-attivitajiet ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni u riassigurazzjoni minn persuni naturali jew ġuridiċi li huma stabbiliti fi Stat Membru jew li jixtiequ li jkunu stabbiliti hemmhekk.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal persuni li jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni għal kuntratti ta' assigurazzjoni jekk il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin ma jitħarsux:

(a) il-kuntratt ta' assigurazzjoni jeħtieġ biss l-għerf tal-kopertura ta' assigurazzjoni li hija provduta;

(b) il-kuntratt ta' assigurazzjoni ma jkunx kuntratt ta' assigurazzjoni dwar il-ħajja;

(ċ) il-kuntratt ta' assigurazzjoni ma jkoprix xi riskji ta' responsabbiltà;

(d) l-attività prinċipali professjonali tal-persuna hija oħra ħlief ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni;

(e) l-assigurazzjoni hija komplimentarja għall-prodott jew servizz provdut minn xi provditur, fejn dik l-assigurazzjoni tkopri:

(i) ir-riskju ta' ħsarat, telf jew ħsara f'oġġetti provduti minn dak il-provditur, jew

(ii) ħsara fi jew telf ta' bagolli u riskji oħra marbuta ma vjaġġar prenotat ma' dak il-provditur, ukoll jekk l-assigurazzjoni tkopri assigurazzjoni fuq il-ħajja jew riskji ta' liabiltà, sakemm dik il-kopertura hija anċillari għall-kopertura prinċipali għar-riskji marbuta ma dak 'l-ivvjaġġar;

(f) l-ammont ta' *premium* annwali ma jeċċedix EUR 500 u t-tul totali tal-kuntratt ta' l-assigurazzjoni, inkluż xi tiġdid, ma jeċċedix il-ħames snin.

3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal servizzi ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni u riassigurazzjoni provduti b'relazzjoni ma' riskji u rabtiet li jinsabu barra l-Komunità

▼B

Din id-Direttiva m'għandhiex teffettwa l-liġi ta' Stat Membru fir-rigward ta' negozju ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni segwita minn intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni stabbiliti f'pajjiż terz u li joperaw fit-territorju tiegħu taħt il-prinċipju ta' libertà li jipprovdu servizzi, sakemm ma jiġix garantit trattament ugwali għall-persuni kollha li jwettqu jew li jkunu awtorizzati li jwettqu attivitajiet ta' medjazzjoni ta' assigurzzjoni f'dak is-suq.

Din id-Direttiva m'għandhiex tirregola attivitajiet ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni imwettqa f'pajjiżi terzi, lanqas impriżi tal-Komunità ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, kif definiti fl-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-kordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw mal-bidu u l-insegwiment ta' negozju ta' assigurazzjoni diretta ħlief għal assigurazzjoni fuq il-ħajja ([1]) u l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE tal-5 ta' Marzu 1979 dwar il-kordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw mal-bidu u l-insegwiment ta' negozju ta' assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja ([2]), imwettqa permezz ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni f'pajjiżi terzi.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

1. "impriża ta' assigurazzjoni" tfisser impriża li tkun irċeviet awtorizzazzjoni uffiċjali skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 73/239/KEE jew l-Artikolu 6 tad-Direttiva 79/267/KEE;

2. "impriża ta' riassigurazzjoni" tfisser impriża, minbarra impriża ta' assigurazzjoni jew impriża ta' assigurazzjoni ta' pajjiż mhux membru, li n-negozju tagħha prinċipali jikkonsisti f'li taċċetta riskji ċeduti minn impriża ta' assigurazzjoni, impriża ta' assiguarzzjoni ta' pajjiż mhux membru jew impriżi oħra ta' riassigurazzjoni;

3. "medjazzjoni ta' assiguarzzjoni" tfisser attivitajiet ta' introduzzjoni, proposti jew it-twettieq ta' xogħol ieħor preparatorju għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, jew li dawk il-kuntratti jiġu konklużi, jew f'għajnuna fl-amministrazzjoni jew twettieq ta' dawk il-kuntratti, b'mod partikolari fil-każ ta' talba.

▼M1

Bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu IIIA ta' din id-Direttiva, dawk l-attivitajiet, meta jitwettqu minn impriża ta' assigurazzjoni jew impjegat ta' impriża ta' assigurazzjoni li jkun qed jaġixxi taħt ir-responsabbiltà tal-impriża ta' assigurazzjoni m'għandhomx jitqiesu li jkunu medjazzjoni tal-assigurazzjoni jew distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.

([1]) ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, ta' l-20.3.2002, p. 17).

([2]) ĠU L 63, tat-13.3.1979, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, ta' l-20.3.2002, p. 11).

▼B

Il-provvista ta' informazzjoni fuq bażi inċidentali fil-kuntest ta' attività professjonali oħra sakemm l-għan ta' dik l-attività ma jkunx li l-klijent jiġi assistit fil-konklużjoni jew twettieq ta' kuntratt ta' assigurazzjoni, l-immaniġġar ta' talbiet ta' impriża ta' assigurazzjoni fuq bażi professjonali, l-aġġustament ta' telf u l-istima esperta ta' talbiet m'għandhomx jitqiesu bħala medjazzjoni fl-assigurazzjoni.

4. “medjazzjoni ta' riassigurazzjoni” tfisser l-attivitajiet li jintroduċu, jipproponu jew iwettqu xogħol ieħor preparatorju għall-konklużjoni ta' kuntratti ta' riassigurazzjoni, jew tal-konklużjoni ta' dawk il-kuntratti, jew fl-assistenza fl-amministrazzjoni u t-twettieq ta' dawk il-kuntratti, b'mod partikolari fil-każ ta' talba.

Dawn l-attivitajiet meta imwettqa minn impriża ta' riassigurazzjoni jew minn impjegat ta' impriża ta' riassigurazzjoni li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' impriża ta' riassigurazzjoni mhumiex meqjusa bħala medjazzjoni ta' riassigurazzjoni.

Il-provista ta' informazzjoni fuq bażi aċċidentali fil-kuntest ta' attivita' oħra professjonali sakemm l-għan ta' dik l-attività ma jkunx li jgħin lill-klijent li jikkonkludi jew iwettaq kuntratt ta' riassigurazzjoni, l-immaniġġar ta' talbiet ta' impriża ta' riassigurazzjoni fuq bażi professjonali, u aġġustament ta' telf u stima esperta ta' talbiet m'għandhomx jitqiesu bħala medjazzjoni ta' riassigurazzjoni;

5. “intermedjarju ta' assigurazzjoni” tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li, bi ħlas, tibda jew issegwi medjazzjoni fl-assigurazzjoni;

6. “intermedjarju ta' riassigurazzjoni” tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li, bi ħlas, tibda jew issegwi medjazzjoni ta' riassigurazzjoni;

7. “intermedjarju marbut ta' assigurazzjoni” tfisser kull persuna li twettaq l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni għal jew għannom ta' impriża waħda jew aktar ta' assigurazzjoni fil-każ ta' prodotti ta' assigurazzjoni li ma jikkompetux iżda li ma tiġborx *premiums* jew ammonti maħsuba għall-klijent u li jaġixxi taħt ir-responsabbiltà sħiħa ta' dawk l-impriżi ta' assigurazzjoni għall-prodotti li jikkonċernawhom rispettivament.

Kull persuna li twettaq attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni b'żieda ma' l-attività prinċipali professjonali tagħha hija wkoll meqjusa bħala intermedjarja marbuta ta' assigurazzjoni li taġixxi taħt ir-responsabbiltà ta' impriża waħda ta' assigurazzjoni jew diversi għall-prodotti li jikkonċernawhom rispettivament jekk l-assigurazzjoni hija komplementarja għall-oġġetti jew servizzi provduti fil-qafas ta' din l-attività prinċipali professjonali u l-persuna ma tiġborx *premiums* jew ammonti maħsuba għall-klijent.

8. “riskji kbar” għandha tkun kif definita b'L-Artikolu 5(d) tad-Direttiva 73/239/KEE;

▼B

9. “persuna ta' Stat Membru” tfisser:

(a) fejn l-intermedjarju huwa persuna naturali, l-Istat Membru li fih ir-residenza tiegħu tkun tinsab u li fih iwettaq in-negozju tiegħu;

(b) fejn l-intermedjarju jkun persuna ġuridika, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju reġistrat tiegħu jew, jekk taħt il-liġi nazzjonali tiegħu ma jkollu ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tiegħu;

10. “Stat Membru li jospita” tfisser l-Istat Membru li fih intermedjarju ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jkollu l-fergħa tiegħu jew jipprovdi s-servizzi;

11. “awtoritajiet kompetenti” tfisser l-awtoritajiet li kull Stat Membru jinnomina skond l-Artikolu 7;

12. “mezz dewwiemi” tfisser kull strument li jippermetti lill-klijent li jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lilu b'mod aċċessibbli għal referenza fil-futur għal perjodu ta' żmien adegwat għall-għanijiet ta' l-informazzjoni, u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula ta' l-informazzjoni maħżuna.

B'mod partikolari, mezz dewwiemi tkopri *floppy disks, CD-ROMs, DVDs* u *hard drives* ta' kompjuters personali li fuqhom tinħażen posta elettronika, iżda teskludi siti ta' l-*Internet,* sakemm dawk is-siti ma jikkonformawx mal-kriterji speċifikati fl-ewwel paragrafu;

▼M1

13. Għall-finijiet tal-Kapitolu IIIA, “prodott ta’ investiment abbażi ta’ assigurazzjoni” tfisser prodott ta’ assigurazzjoni li joffri valur fil-maturità jew valur ta’ ċessjoni u meta dak il-valur fil-maturità jew dak il-valur ta’ ċessjoni ikunu kompletament jew parzjalment esposti, direttament jew indirettament, għall-fluttwazzjonijiet tas-suq u ma għandhiex tinkludi:

(a) prodotti ta’ assigurazzjoni li ma jkunux fuq il-ħajja, kif elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE (Klassijiet ta’ Assigurazzjoni mhux tal-Ħajja);

(b) kuntratti ta’ assigurazzjoni fuq il-ħajja meta l-benefiċċji skont il-kuntratt ikunu jistgħu jitħallsu biss mal-mewt jew fir-rigward ta’ inkapaċità minħabba korriment, mard jew nuqqas ta’ saħħa;

(c) prodotti pensjonistiċi li, skont id-dritt nazzjonali, ikun rikonoxxut li għandhom l-għan ewlieni li jipprovdu lill-investitur bi dħul wara li jirtira, u li jintitolaw lill-investitur għal ċerti benefiċċji;

(d) skemi għal pensjoni okkupazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2003/41/KE jew id-Direttiva 2009/138/KE;

▼M1

(e) prodotti pensjonistiċi individwali li għalihom, skont id-dritt nazzjonali, hi rikjesta kontribuzzjoni finanzjarja mill-impjegatur u fejn l-impjegatur jew l-impjegat ma jkollhom l-ebda għażla fir-rigward tal-prodott pensjonistiku jew tal-fornitur.

▼B

IL-KAPITOLU II

**ĦTIĠIET TA' REĠISTRAZZJONI**

*Artikolu 3*

**Reġistrazzjoni**

1. L-intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikunu reġistrati ma' l-awtorità kompetenti kif definita fl-Artikolu 7(2), fil-pajjiż ta' l-Istat Membru tagħhom.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, l-Istati membri jistgħu jistipulaw li impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u korpi oħra jistgħu jikkollaboraw ma' l-awtoritajiet kompetenti fir-reġistrazzjoni ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u fl-applikazzjoni tal-ħtiġiet ta' l-Artikolu 4 għal dawk l-intermedjarji. B'mod partikolari, fil-każ ta' intermedjarji marbuta ta' assigurazzjoni, jistgħu jkunu reġistrati minn impriża ta' assigurazzjoni jew minn assoċjazzjoni ta' impriżi ta' assigurazzjoni taħt is-superviżjoni ta' awtorità kompetenti.

L-Istati Membri m'humiex meħtieġa li japplikaw il-ħtieġa msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi lill-persuni kollha naturali li jaħdmu f'impriża u jsegwu l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni.

Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw lil dawk il-persuni u għandhom ukoll jispeċifikaw fir-reġistru l-ismijiet tal-persuni naturali fi ħdan l-amministrazzjoni li hija responsabbli għan-negozju ta' medjazzjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu aktar minn reġistru wieħed għal intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni sakemm jippreskrivu l-kriterji skond liema intermedjarji għandhom ikunu reġistrati.

L-Istati membri għandhom jaraw li punt wieħed ta' informazzjoni jiġi stabbilit li jippermetti aċċess ta' malajr u faċli għall-informazzjoni minn dawn ir-reġistri varji, li għandhom ikunu kompilati elettronikament u aġġornati l-ħin kollu. Dan il-punt ta' informazzjoni għandu jipprovdi wkoll id-dettalji ta' l-identifikazzjoni ta' l-aqtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru imsemmi fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu. Ir-reġistru għandu jindika b'żieda il-pajjiż jew pajjiżi li fih l-intermedjarju jwettaq in-negozju tiegħu taħt ir-regoli tal-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà li jipprovdi servizzi.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li r-reġistrazzjoni ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni — inklużi dawk marbutin — u intermedjarji ta' riassigurazzjoni tintgħamel suġġett għall-konformità mal-ħtiġiet professjonali preskritti fl-Artikolu 4.

▼B

L-Istati Membri għandhom ukoll jassiguraw li intermedjarji ta' assigurazzjoni — inklużi dawk marbuta — u intermedjarji ta' riassigurazzjoni li jieqfu li jikkonformaw ma' dawn il-ħtiġiet jitneħħew mir-reġistru. Il-validità tar-reġistrazzjoni għandha tkun suġġetta għal reviżjoni regolari mill-awtorità kompetenti. Fejn meħtieġ, il-pajjiż ta' l-Istat Membru għandu jinforma lill-Istat Membru li jospita b'dik it-tneħħija, bil-mezzi xierqa kollha.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu lill-intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni b'dokument li jkun jippermetti lil kull parti interessata billi tikkonsulta r-reġistru/i imsemmija fil-paragrafu 2 li tivverifika li huma debitament reġistrati.

Id-dokument għandu ta' l-anqas jipprovdi l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 12(1)(a) u (b), u, fil-każ ta' persuna ġuridika, l-isem/ismijiet tal-persuna/i naturali imsemmija fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

L-Istat Membru għandu jeħtieġ li d-dokument jingħata lura lill-awtorità kompetenti li tkun ħargithu meta l-intermedjarju konċernat ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jieqaf milli jibqa' reġistrat.

5. L-intermedjarji reġistrati ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikunu permessi li jibdew jew isegwu attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni fil-Komunità permezz ta' kemm il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jipprovdu servizzi.

6. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li impriżi ta' assigurazzjoni jużaw is-servizzi ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni biss ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u tal-persuni msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 4*

**Ħtiġiet professjonali**

1. L-intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikunu jippossjedu l-għerf u l-abbiltà adattati kif stabbilit mill-pajjiz ta' l-Istat Membru ta' l-intermedjarju.

Il-pajjiżi ta' l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-kondizzjonijiet meħtieġa fir-rigward ta' l-għerf u l-abbiltà b'konformità ma' l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni u l-prodotti mqassma, partikolarment jekk l-attività prinċipali professjonali ta' l-intermedjarju tkun oħra minbarra medjazzjoni fl-assigurazzjoni. F'dawk il-każi, intermedjarju jista' jsegwi attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni biss jekk intermedjarju ta' assigurazzjoni li jikkonforma mal-kondizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jew impriża ta' assigurazzjoni tassumi responsabbiltà sħiħa għall-azzjonijiet tiegħu.

▼B

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li fil-każi msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1), l-impriża ta' assigurazzjoni għandha tivverifika li l-għerf u l-abbiltà ta' l-intermedjarji huma f'konformità ma' l-obbligazzjonijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u, fejn meħtieġ, għandhom jipprovdu lil dawk l-intermedjarji b'taħriġ li jikkorrispondi mal-ħtiġiet li jikkonċernaw il-prodotti mibjugħa mill-intermedjarji.

L-Istati Membri mhux meħtieġa li japplikaw il-ħtiġiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għall-persuni naturali kollha li jaħdmu f'impriża li ssegwi l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni u riassigurazzjoni. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li proporzjon raġonevoli ta' persuni fi ħdan l-istruttura ta' amministrazzjoni ta' dawn l-impriżi li huma responsabbli għall-medjazzjoni fir-rigward ta' prosotti ta' assigurazzjoni u l-persuni l-oħra kollha direttament involuti f'medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni juri l-għerf u l-abbiltà meħtieġa għat-twettieq tad-dmirijiet tagħhom.

2. L-intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikunu ta' reputazzjoni tajba. Bħala minimu, għandhom ikollhom kondotta tal-pulizija nadifa jew xi ekwivalent nazzjonali ieħor b'relazzjoni ma' offiżi kriminali serji marbuta ma' reati kontra l-proprjetà jew reati oħra marbuta ma' attivitajiet finanzjarji u ma jridux ikunu ġew dikjarati falluti fil-passat, sakemm ma jkunux ġew riabilitati skond il-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu, skond id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1), jippermettu li impriża ta' assigurazzjoni tivverifika ir-reputazzjoni tajba ta' intermedjarji ta' assigurazzjoni.

L-Istati Membri mhux meħtieġa li japplikaw il-ħtiġiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għall-persuni naturali kollha li jaħdmu f'impriża u li jsegwu l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni u riassigurazzjoni.. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-istruttura ta' l-amministrazzjoni ta' dawk l-impriżi u ta' kull impjegat direttament involut f'medjazzjoni fl-assigurazzjoni u riassigurazzjoni tikkonforma ma' dik il-ħtieġa.

3. L-intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni għandhom ikollhom assigurazzjoni ta' indemnità professjonali li tkorpi t-territorju kollu tal-Komunità jew xi garanzija oħra komparabbli kontra responsabbiltà li tirriżulta minn negliġenza professjonali, tal-anqas għal EUR 1 000 000 applikabbli għal kull talba u aggregat ta' EUR 1 500 000 fis-sena għat-talbiet kollha, sakemm dik l-assigurazzjoni jew garanzija komparabbli tkun ġia provduta minn impriża ta' assigurazzjoni, impriża ta' riassigurazzjoni jew impriża oħra li għan-nom tagħha l-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jkollu s-setgħa li jaġixxi jew dik l-impriża tkun assumiet ir-responsabbiltà sħiħa għall-azzjonijiet ta' l-intermedjarju.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu l-klijenti kontra l-inabilità ta' intermedjarju ta' assigurazzjoni li jittrasferixxi l-*premium* ta' impriża ta' assigurazzjoni jew li jittrasferixxi l-ammont ta' talba jew jirritorna l-*premium* lill-persuna assigurata.

▼B

Dawk il-miżuri għandu jkollhom xi waħda jew aktar mill-forom li ġejjin:

(a) id-dispożizzjonijiet preskritti bil-liġi jew kuntratt li bih flus imħallsa mill-klijent lill-intermedjarju jiġi meqjusa bħala li tħallsu lill-impriża, fil-waqt li flus imħallsa lill-impriża mill-intermedjarju ma jitqisux bħala li tħallsu lill-klijent sakemm il-klijent ma jkunx attwalment irċevihom;

(b) ħtieġa għal intermedjarji ta' assigurazzjoni li jkollhom kapaċita finanzjarja li tammonta, fuq bażi permanenti ta' 4 % tas-somma tal-*premiums* annwali li jirċievu, bla ħsara għal minimu ta' EUR 15 000;

(ċ) ħtieġa li l-flus tal-klijenti għandhom ikunu trasferiti permezz ta' kontijiet tal-klijenti strettament segregati u li dawn il-kontijiet m'għandhomx jintużaw biex jirrimborzaw kredituri oħra fil-każ ta' falliment;

(d) ħtieġa li jiġi stabbilit fond ta' garanzija.

5. L-insegwiment ta' attivitajiet ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni għandu jeħtieġ li l-ħtiġiet professjonali stipulati f'dan l-Artikolu jitwettqu fuq bażi permanenti.

6. L-Istati Membri għandhom jirrinfurzaw il-ħtiġiet stipulati f'dan l-Artikolu jew iżidu ħtiġiet oħrajn għal intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni reġistrati fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

7. L-ammont msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu riveduti regolarment sabiex jingħata kont tal-bidliet ta' l-Indiċi Ewropew tal-Prezzijiet tal-Konsumatur kif publikat mill-Eurostat. L-ewwel reviżjoni għandha sseħħ ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u reviżjonijiet suċċessivi ħames snin wara d-data tar-reviżjoni ta' qabel.

L-ammonti għandhom jiġu adattati awtomatikament billi jiżdied l-ammont bażi f'ewro bil-perċentwal tal-bidla f'dak l-Indiċi matul il-perjodu ta' bejn id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u d-data tal-ewwel reviżjoni jew bejn id-data ta' l-aħħar reviżjoni u r-rata tar-reviżjoni l-ġdida ttundjati sa l-eqreb euro.

*Artikolu 5*

**Żamma ta' drittijiet akkwistati**

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li dawk il-persuni li jeżerċitaw attività ta' medjazzjoni qabel l-1 ta' Settembru 2000, li kienu ddaħħlu f'reġistru u li kellhom livell ta' taħriġ u esperjenza simili għal dawk meħtieġa minn din id-Direttiva, għandhom awtomatikament jiddaħħlu fir-reġistru li għandu jinħoloq, malli l-ħtiġiet stipulati fl-Artikolu 4(3) u (4) jiġu mħarsa.

▼B

*Artikolu 6*

**Notifikazzjoni ta' stabbilimenti u servizzi fi Stati Membri oħra**

1. Kull intermedjarju ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jkollu l-ħsieb li jwettaq negozju għall-ewwel darba fi Stat Membru wieħed jew aktar taħt il-libertà li jipprovdi servizzi jew il-libertà ta' stabbiliment għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż Stat Membru.

Fi żmien perjodu ta' xahar wara dik in-notifikazzjoni, dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' xi Stat Membru li jospita li jixtieq ikun jaf, bl-intenzjoni ta' l-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni u għandu fl-istess żmien jinforma lill-intermedjarju konċernat.

L-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni jista' jibda n-negozju xahar wara d-data li fiha jkun ġie infurmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż Stat Membru bin-notifikazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu. Iżda, dak l-intermedjarju jista' jibda n-negozju minnufih jekk il-pajjiż li jospita ma jkunx jixtieq li jkun infurmat bil-fatt.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kommissjoni bix-xewqa tagħhom li jkunu nfurmati skond il-paragrafu 1. Il-Kommissjoni għandha wara tinnotifika b'dan lill-Istati Membri kollha.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw il-pubblikazzjoni kif xieraq tal-kondizzjonijiet li taħthom fl-interess ġenerali kif imiss, in-negozju konċernat għandu jitwettaq fit-territorju tagħhom.

*Artikolu 7*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti li jkollhom is-setgħa li jassiguraw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Għandhom jinfurmaw lill-Kommissjoni b'dan, waqt li jindikaw xi diviżjoni ta' dawk id-dmirijiet.

2. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu jew awtoritajiet pubbliċi jew korpi rikonoxxuti bil-liġi nazzjonali jew minn awtoritajiet pubbliċa espressament mogħtija s-setgħa għal dak il-għan bil-liġi nazzjonali. M'għandhomx ikunu impriżi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom is-setgħat kollha meħtieġa għat-twettieq tad-dmirijiet tagħhom. Fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fuq it-territorju tiegħu, Stat Membru għandu jassigura li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv id-dmirijiet rispettivi tagħhom.

▼B

*Artikolu 8*

**Sanzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal sanzjonijiet xierqa fil-każ li persuna li teżerċita l-attività ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ma tkunx reġistrata fi Stat Membru u ma tkunx imsemmija fl-Artikolu 1(2).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal sanzjonijiet xierqa kontra impriżi ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jużaw is-servizzi ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni ta' persuni li m'humiex reġistrati fi Stat Membru u li m'humiex imsemmija fl-Artikolu 1(2).

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal sanzjonijiet adattati fil-każ ta' nuqqas ta' intermedjarju ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adattati skond din id-Direttiva.

4. Din id-Direttiva m'għandhiex teffettwa s-setgħa ta' Stati Membri li jospitaw li jieħdu l-miżuri adattati biex jipprevjenu jew li jippenalizzaw irregolaritajiet kommessi ġewwa t-territorji tagħhom li huma kuntrarji għad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji adottati fl-interess ġenerali tajjeb. Dan għandu jinkludi l-possibiltà li jipprevjenu intermedjarji ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni li jiksru l-liġi milli jibdew xi attivitajiet oħra fit-territorji tagħhom.

5. Kull miżura adottata li tinvolvi sanzjonijiet jew retrizzjonijiet fuq l-attivitajiet ta' intermedjarju ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni għandhom ikunu ġustifikati kif imiss u komunikati lill-intermedjarju konċernat. Kull miżura bħal dik għandha tkun suġġetta għad-dritt li ssir applikazzjoni fil-qrati fl-Istat Membru konċernat li jadottaha.

*Artikolu 9*

**Skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri varji għandhom jikkoperaw sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni jekk ikunu ġew suġġetti għas-sanzjoni msemmija fl-Artikolu 8(3) jew miżuri msemmija fl-Artikolu 8(4) u dik l-informazzjoni x'aktarx twassal għat-tneħħija mir-reġistru ta' dawk l-intermedjarji. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jiskambjaw kull informazzjoni relevanti fuq it-talba ta' awtorità

▼B

3. Il-persuni kollha meħtieġa li jirċievu jew jikxfu informazzjoni b'konnessjoni ma' din id-Direttiva għandhom ikunu marbuta b'segretezza professjonali, bl-istess mod kif preskritt b'L-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-kordinazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw ma' assigurazzjoni diretta minbarra assigurazzjoni fuq il-ħajja u li temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet Direttiva dwar assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja) ([1]) u l-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE ta' l-10 ta' Novembru 1992 dwar il-kordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw ma' assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja u li temenda d-Direttivi 79/267/KEE u 90/619/KEE (it-tielet Direttiva dwar l-assigurazzjoni fuq il-ħajja) ([2]).

*Artikolu 10*

**Ilmenti**

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li proċeduri jiġu stabbiliti li jippermettu lill-klijenti u partijiet oħra interessati, speċjalment assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, li jirreġistraw ilmenti dwar intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni. Fil-każi kollha l-ilmenti għandhom jirċievu risposta.

*Artikolu 11*

**Rimedji barra l-qrati**

1. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' proċeduri ta' l-ilmenti adatti u effettivi ta' rimedju għas-soluzzjoni barra l-qorti ta' tilwim bejn intermedjarji ta' assigurazzjoni u klijenti, bl-użu tal-korpi eżistenti fejn xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu li dawn il-korpi jikkoperaw fir-riżoluzzjoni ta' disputi bejn il-fruntieri.

IL-KAPITOLU III

**HTIĠIET TA' INFORMAZZJONI GĦAL INTERMEDJARJI**

*Artikolu 12*

**Informazzjoni provduta minn intermedjarju ta' assigurazzjoni**

1. Qabel ma jiġi konkluż kuntratt inizjali ta' assigurazzjoni, u, fejn meħtieġ, kull emenda u tiġdid tiegħu, intermedjarju ta' assigurazzjoni għandu jipprovdi lill-klijent b'ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tiegħu u l-indirizz;

(b) ir-reġistru li jkun ġie inkluż fih u l-mezzi għall-verifikazzjoni li jkun ġie reġistrat;

(ċ) jekk ikollux interess, dirett jew indirett, li jirrappreżenta aktar minn 10 % tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital f'impriża partikolari ta' assigurazzjoni;

([1]) ĠU L 228, tal-11.8.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 27).

([2]) ĠU L 360, tad-9.12.1992, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

▼B

(d) jekk impriża partikolari ta' assigurazzjoni jew impriża omm ta' impriża partikolari ta' assigurazzjoni jkollhiex interess, dirett jew indirett, li jirrappresenta aktar minn 10 % tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital intermedjarju ta' l-assigurazzjoni;

(e) il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 10 li jippermettu lill-klijenti u partijiet oħra interessati li jirreġistraw ilmenti dwar intermedjarji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni u, fejn xieraq, dwar proċeduri ta' ilment u rimedju barra l-qrati msemmija fl-Artikolu 11.

Minbarra dan, intermedjarju ta' assigurazzjoni għandu jinforma lill-klijent, rigward il-kuntratt li jiġi provdut, jekk:

(i) jagħtix il-parair bażat fuq l-obbligazzjoni fil-paragrafu 2 li jipprovdi analiżi ġusta, jew

(ii) hux qiegħed taħt obligazzjoni kuntrattwali li jwettaq negozju ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni esklussivament ma' impriża waħda jew aktar ta' assigurazzjoni. F'dak il-każ, huwa għandu, fuq it-talba tal-klijent jipprovdi l-ismijiet ta' dawk l-impriżi ta' assigurazzjoni, jew

(iii) ma jkunx taħt obligazzjoni kuntrattwali li jwettaq negozju ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni esklussivament ma' impriża waħda jew aktar ta' assigurazzjoni u ma jagħtix il-parir bażat fuq l-obligazzjoni 2 li jipprovdi analiżi ġust.. F'dak il-każ, hwa għandu, fuq it-talba tal-klijent jipprovdi l-ismijiet ta' l-impriżi ta' assigurazzjoni li magħhom jista', jew fil-fatt iwettaq, in-negozju tiegħu.

F'dawk il-każi fejn informazzjoni għandha tiġi provduta unikament fuq it-talba tal-klijent, il-klijent għadnu jkun infurmat li għandu d-dritt jitlob dik l-informazzjoni.

2. Meta l-intermedjarju ta' assigurazzjoni jinforma lill-klijent li jagħti l-parir tiegħu fuq il-bażi ta' analiżi ġust, huwa obbligat li jagħti l-parir fuq il-bażi ta' analiżi ta' numru kbir biżżejjed ta' kuntratti ta' assigurazzjoni disponibbli fis-suq, biex ikun permess lilu li jagħmel rakkomandazzjoni, skond il-kriterji professjonali, fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li tkun adegwata biex tilħaq il-ħtiġiet tal-klijent.

3. Qabel il-konklużjoni ta' xi kuntratt speċifiku, l-intermedjarju ta' assigurazzjoni għandu ta' l-anqas jispeċifika, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' informazzjoni provduta mill-klijent, it-talbiet u l-ħtiġiet ta' dak il-klijent kif ukoll ir-raġunijiet sodi għal xi parir mogħti lill-klijent dwar prodott partikolari ta' assigurazzjoni. Dawn id-dettalji għandhom jiġu modulati skond il-komplessità tal-kuntratt ta' assigurazzjoni li jkun ġie propost.

▼B

4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2, u 3 mhix meħtieġa li tingħata meta l-intermedjarju ta' assigurazzjoni jagħmilha ta' medjatur f'assigurazzjoni ta' riskji kbar, lanqas fil-każ ta' medjazzjoni minn intermedjarji ta' assigurazzjoni.

5. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti fir-rigward tal-ħtiġiet ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, sakemm dawk id-dispożizzjonijiet ma jikkonformawx mal-liġi tal-Komunità.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni id-dispożizzjonijiet nazzjonali stipulati fl-ewwel subparagrafu.

Sabiex jiġi stabbilit livell għoli ta' trasparenza bil-mezzi kollha xierqa, il-Kommissjoni għandha tassigura li l-informazzjoni li tirċievi li tirrelata ma' dispożizzjonijiet nazzjonali hija wkoll komunikata lill-klijenti u lill-intermedjarji ta' assigurazzjoni.

*Artikolu 13*

**Kondizzjonijiet ta' informazzjoni**

1. L-informazzjoni kollha li għandha tiġi provduta lill-klijenti skond l-Artikolu 12 għandha tiġi komunikata:

(a) fuq il-karta jew mezz ieħor dewwiemi disponibbli u aċċessibbli lill-klijent;

(b) b'mod ċar u akkurat, li jiftiehem mill-klijent;

(ċ) fil-lingwa uffiċjali ta' l-Istat Membru tar-rabta' jew f'xi ilsien ieħor miftiehem bejn il-partijiet.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a), l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi provduta verbalment fejn il-klijent jitlobha, jew meta kopertura mmedjata hija meħtieġa. F'dawk il-każi, l-informazzjoni għandha tkun provduta lill-klijent skond il-paragrafu 1 minnufih wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni.

3. Fil-każ ta' bejgħ bit-telefon, l-informazzjoni minn qabel mogħtija lill-klijent għandha tkun skond ir-regoli tal-Komunità applikabbli għall-*marketing* minn ċertu distanza ta' servizzi finanzjarji lill-konsumatur. Barra minn hekk, l-informazzjoni għandha tkun produta lill-klijent skond il-paragrafu 1 minnufih wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni.

▼M1

KAPITOLU IIIA

**REKWIŻITI ADDIZZJONALI GĦALL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR FIR-RIGWARD TAL-PRODOTTI TA' INVESTIMENT ABBAŻI TA' ASSIGURAZZJONI**

*Artikolu 13a*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Soġġett għall-eċċezzjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(3), dan il-Kapitolu jistipula rekwiżiti addizzjonali rigward l-attivitajiet ta' medjazzjoni fl-assigurazzjoni u għall-bejgħ dirett imwettaq mill-impriżi ta' assigurazzjoni meta jitwettqu fir-rigward tal-bejgħ ta' prodotti ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni. Ir-riferiment għal dawk l-attivitajiet għandu jkun ta' attivitajiet għad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.

▼M1

*Artikolu 13b*

**Prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess**

Intermedjarju ta' assigurazzjoni jew impriża ta' assigurazzjoni għandhom iżommu u joperaw arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effikaċi bil-ħsieb li jieħdu l-passi raġonevoli kollha maħsuba sabiex jipprevjenu l-kunflitti ta' interess, kif determinati fl-Artikolu 13c, milli jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tal-klijenti tagħhom.

*Artikolu 13c*

**Kunflitti ta' interess**

1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-intermedjarji ta' assigurazzjoni u l-impriżi ta' assigurazzjoni jieħdu l-passi xierqa kollha sabiex jidentifikaw kunflitti ta' interess bejniethom, inklużi d-diriġenti, l-impjegati u l-intermedjarji marbuta ta' assigurazzjoni, jew kwalunkwe persuna b'rabta diretta jew indiretta magħhom permezz ta' kontroll, u l-klijenti tagħhom, jew bejn klijent u ieħor, li jistgħu jinqalgħu fit-twettiq ta' kwalunkwe attività għad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni.

2. Meta l-arranġamenti organizzattivi jew amministrattivi li jsiru mill-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni bi qbil mal-Artikolu 13b għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw, b'fiduċja raġonevoli, il-prevenzjoni tar-riskji ta' ħsara lill-interessi tal-klijenti, l-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni għandhom jiddivulgaw b'mod ċar in-natura ġenerali u/jew is-sorsi tal-kunflitti ta' interess lill-klijent qabel ma jinnegozjaw f'ismu.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 13e li:

(a) jiddefinixxu l-passi li l-intermedjarji ta' assigurazzjoni jew l-impriżi ta' assigurazzjoni jistgħu raġonevolment jiġu mistennija jieħdu għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni ta' kunflitti ta' interess meta jkunu qed iwettqu attivitajiet għad-distribuzzjoni ta' assigurazzjoni;

(b) jistabbilixxu l-kriterji xierqa biex jiġu determinati t-tipi ta' kunflitti ta' interess li l-eżistenza tagħhom tista' tkun ta' ħsara għall-interessi tal-klijenti jew il-klijenti potenzjali tal-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni.

*Artikolu 13d*

**Prinċipji ġenerali u tagħrif lill-klijenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkunu qed iwettqu attivitajiet ta' distribuzzjoni ta' assigurazzjoni, intermedjarju ta' assigurazzjoni jew impriża ta' assigurazzjoni jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali, bi qbil mal-aħjar interessi tal-klijenti tagħhom.

▼M1

2. Kull tagħrif, inklużi komunikazzjonijiet promozzjonali, indirizzati mill-intermedjarju ta' assigurazzjoni jew l-impriża ta' assigurazzjoni lill-klijenti jew lil klijenti potenzjali, għandu jkun ġust, ċar u mhux qarrieqi. Il-komunikazzjonijiet promozzjonali għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati biċ-ċar bħala komunikazzjonijiet ta' dan it-tip.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu li kwalunkwe parti terza jew persuna li tkun qed taġixxi f'isem parti terza taċċetta jew tirċievi ħlasijiet, kummissjonijiet jew benefiċċji monetarji mħallsa jew ipprovduti lil intermedjarji ta' assigurazzjoni jew impriżi ta' assigurazzjoni fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodott ta' investiment abbażi ta' assigurazzjoni lil klijenti.

*Artikolu 13e*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 13c hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mit-2 ta' Lulju 2014.

3. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 13c tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13c għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼B

IL-KAPITOLU IV

**DISPOSIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 14*

**Dritt ta' applikazzjoni lill-qrati**

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li deċiżjonijiet meħuda dwar intermedjarju ta' assigurazzjoni, intermedjarju ta' riassigurazzjoni jew impriża ta' assigurazzjoni taħt il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattiv adottati skond din id-Direttiva jistgħu jkun suġġetti għad-dritt ta' applikazzjoni lill-qrati.

▼B

*Artikolu 15*

**Tħassir**

Id-Direttiva 77/92/KEE hija b'dan imħassra b'effett mid-data msemmija fl-Artikolu 16(1).

*Artikolu 16*

**Transposizzjoni**

1. L-Istati membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel il-15 ta' Jannar 2005. Għandhom jinfurmaw minnufih b'dan lill-Kommissjoni.

Il-miżuri għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif għandha ssir dik ir-referenza għandhom ikunu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kommissjoni t-test tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva. F'dik il-komunikazzjoni huma għandhom jipprovdu tabella li tindika id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkorrispondu ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 17*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

*Artikolu 18*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.